

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUMM GEORGIA/1/2014****tas-19 ta' Diċembru 2014****dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja (EUMM Georgia)**

(2014/952/UE)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/452/PESK tat-12 ta' Awwissu 2010 dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, EUMM Georgia <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni 2010/452/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita kontroll politiku u direzzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja (EUMM Georgia), inkluża d-deċiżjoni li jinħatar Kap ta' Missjoni.
- (2) Fit-13 ta' Settembru 2013, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUMM Georgia/1/2013 <sup>(2)</sup> li taħtar lis-Sur Toivo KLAARA, bħala Kap tal-EUMM Georgia sal-14 ta' Diċembru 2014.
- (3) Fis-16 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/915/PESK <sup>(3)</sup> biex estenda l-mandat tal-EUMM Georgia mill-15 ta' Diċembru 2014 sal-14 ta' Diċembru 2016.
- (4) Fis-16 ta' Diċembru 2014, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pponiet il-ħatra tas-Sur Kęstutis JANKAUSKAS bħala Kap tal-EUMM Georgia mill-15 ta' Diċembru 2014 sal-14 ta' Diċembru 2015,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Kęstutis JANKAUSKAS huwa b'dan maħtur bħala Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja (EUMM Georgia) mill-15 ta' Diċembru 2014 sal-14 ta' Diċembru 2015.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-15 ta' Diċembru 2014

Magħmul fi Brussell, is-19 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà**Il-President*

W. STEVENS

<sup>(1)</sup> ĠUL 213, 13.8.2010, p. 43<sup>(2)</sup> ĠUL 251, 21.9.2013, p. 12<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/915/PESK tas-16 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, EUMM Georgia (ĠUL 360, 17.12.2014, p. 56).